



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

13635/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0351(NLE)**

---

**PECHE 412**

## **PROPOSTA**

|                   |                                                                                                                                                         |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                               |
| data meta waslet: | 4 ta' Diċembru 2020                                                                                                                                     |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                     |
| Nru dok. Cion:    | COM(2020) 792 final                                                                                                                                     |
| Suġġett:          | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja fl-2020 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 792 final.

Mehmuż: COM(2020) 792 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.12.2020  
COM(2020) 792 final

2020/0351 (NLE)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja fl-2020**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Bħal kull sena, il-Kunsill f'Ottubru stabbilixxa TAC preliminari għas-sajd tal-merluzz tan-Norveġja li jibda fl-1 ta' Novembru. Din is-sena, madankollu, it-TAC preliminari jkopri biss il-perjodu mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 sakemm joħroġ ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE. Informazzjoni reċenti tindika li l-livell tat-TAC stabbilit mhuwiex biżżejjed u għalhekk għandu jiġi aġġustat.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-proposta tistabbilixxi kwoti fil-livelli konsistenti mal-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma f'konformità mal-objettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

### **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE il-Kunsill huwa responsabbli mill-adozzjoni tal-miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Ir-Regolament.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tqis ir-rispons mill-partijiet ikkonċernati, il-Kunsilli Konsultattivi, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi.

- **Il-ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta hija bbażata fuq il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikawx.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

#### **5. ELEMENTI OĦRAJN**

- **Il-pjani ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Il-monitoraġġ tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' TACs u ta' kwoti ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emenda proposta tfittex li timmodifika r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 sabiex taġġusta t-TAC preliminari stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2020/1579 għall-merluzz tan-Norveġja għall-perjodu li jkopri mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020.

It-TAC għall-merluzz tan-Norveġja huwa stabbilit fir-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd li jkopri l-Atlantiku u l-Baħar tat-Tramuntana. Madankollu, peress li s-sajd jibda mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Ottubru tas-sena ta' wara, għal raġunijiet ta' twaqqit, jiġi stabbilit TAC preliminari bir-regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-Baħar Baltiku li huwa adottat f'Ottubru. It-TAC tiġi sussegwentement aġġustat meta jiġi adottat ir-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd li jkopri l-Atlantiku u l-Baħar tat-Tramuntana, li jippermetti wkoll l-integrazzjoni tal-elementi possibbli li jirriżultaw mill-konsultazzjonijiet tal-UE man-Norveġja.

TAC preliminari għall-merluzz tan-Norveġja ġie għaldaqstant iffissat fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1579 tad-29 ta' Ottubru 2020 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra Abbażi tal-aħħar parir xjentifiku disponibbli mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), it-TAC tal-Unjoni għall-merluzz tan-Norveġja għal 12-il xahar ikun fil-medda ta' 140.000 tonnellata. Madankollu, din is-sena, it-TAC preliminari għall-merluzz tan-Norveġja ġie stabbilit għal 30.000 tonnellata biex ikopri biss il-perjodu mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 sakemm joħroġ ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE.

Sadattant, madankollu, l-informazzjoni riċenti provduta mid-Danimarka, li hija kważi l-istess sehem ta' kwota esklussiva bħal tas-sajd tal-merluzz tan-Norveġja, tindika li t-TAC preliminari mhux suffiċjenti fid-dawl tal-attività tas-sajd mistennija sa tmiem is-sena. L-istaġun ewlieni tas-sajd itawwal minn Settembru sa Jannar skont is-sena li tkun, bil-quċċata tiegħu minn Ottubru sa Diċembru. L-aħħar *data* dwar is-sajd ippreżentata turi qabdiet ta' madwar 3.700 tonnellata f'Settembru u aktar minn 21.000 tonnellata f'Ottubru. Id-Danimarka tistenna li l-livell tal-qabdiet f'Novembru u Diċembru jkun mill-inqas simili għal dak ta' Ottubru. It-TAC għall-merluzz tan-Norveġja stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE)

2020/123 għandu għalhekk jiżdied sabiex jippermetti li s-sajd ikompli jopera sa tmiem is-sena filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-parir tal-ICES dwar il-qbid.

- **Konsultazzjoni mar-Renju Unit**

Billi dan ir-Regolament jeħtieġ jiġi adottat matul il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, il-Kummissjoni se tikkonsulta lir-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 130(1) ta' dak il-Ftehim.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja fl-2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123<sup>1</sup> jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, fil-każ ta' bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Fost l-oħrajn, huwa stabbilixxa opportunitajiet tas-sajd sal-31 ta' Ottubru 2020 għall-merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tad-diviżjoni 3a tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2020/1579<sup>2</sup>, fost l-oħrajn, emenda r-Regolament (UE) 2020/123 biex jistabbilixxi opportunitajiet preliminari tas-sajd li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 għas-sajd imsemmi hawn fuq.
- (3) Peress li daww l-opportunitajiet tas-sajd preliminari jkopru biss xahrejn tas-sena tas-sajd, dawn ġew stabbiliti ferm taħt il-parir dwar il-qbid ipprovdut mill-ICES.
- (4) L-istaġun tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja normalment jestendi minn Settembru sa Jannar b'quċċata minn Ottubru sa Diċembru. L-aktar *data* reċenti dwar il-qabdiet li ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni tindika li f'Ottubru nqabdu aktar minn 21.000 tunnellata ta' merluzz tan-Norveġja. L-istrapolazzjoni ta' dawn in-numri skont ix-xejriet storiċi tas-sajd tal-merluzz tan-Norveġja tindika li daww l-opportunitajiet tas-sajd preliminari aktarx ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-attività tas-sajd sa tmiem is-sena. Huwa għaldaqstant xieraq li jiġu aġġustati daww l-opportunitajiet tas-sajd preliminari skont l-aktar stimi riċenti, filwaqt li jiġi rispettat bis-sħiħ il-parir tal-ICES.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/123 jiġi emendat skont dan.

<sup>1</sup> r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1579 tad-29 ta' Ottubru 2020 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 362, 30.10.2020, p. 3).

- (6) Peress li dawk l-opportunitajiet tas-sajd preliminari jkopru l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2020, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.
- (7) Ir-Renju Unit għe kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 130(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Emenda għar-Regolament (UE) Nru 2020/123*

Ir-Regolament (UE) Nru 2020/123 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*